# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 16 ta' Frar 2021**

**Talba Numru 459/2018SFJ**

***L-Inġinier Carmel Cuschieri (661556M) eżerċenti l-professjoni bħala "Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers"***

***vs.***

***Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu l-attur talab lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' elf u seba' mija u ħdax-il Ewro (€1,711.00) rappreżentanti drittijiet għal servizzi professjonali mogħtija lis-soċjetà konvenuta fuq inkarigu tagħha.

Ra r-Risposta ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha ġie eċċepit:

- Illi l-attur kellu jipprova li huwa waħdu kellu l-interess ġuridiku u li kien awtorizzat li waħdu jippromwovi l-azzjoni stante li huwa biss soċju wieħed tad-ditta Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers u li altrimenti jiġi ravviżat in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju; u

- Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur stante li l-attur naqas li jonora l-inkarigu mogħti lilu u għaldaqstant ebda somma ma kienet dovuta lilu tant li s-soċjetà eċċpjenti kellha tinkariga lil ħaddieħor sabiex jagħti s-servizz li l-attur ma pprestax b'mod sodisfaċenti.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-12 ta' Jannar 2021 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-16 ta' Frar 2021.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

**L-Inġinier Carmel Cuschieri** xehed li hu kellu uffiċċju li jagħti servizzi professjonali ta' konsulenza fl-inġinerija u li l-isem *Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers* kien it-*trade name* tiegħu. Qal li kellu *full ownership* tal-uffiċċju u ma kellu ebda *partner*. Fir-rigward tal-kawża, qal li l-ewwel kuntatt kien sar mal-Perit Matthew Bugeja, il-perit tal-konvenuti, li kien talab lix-xhud jagħmel *fire safety report* minħabba applikazzjoni li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar. Qabel sar ir-rapport, Mark Anthony Portelli talbu stima. L-istima (fol. 26) kienet tirrigwarda rapport li kellu jsir dwar il-propost Larry's Hotel fi Triq id-Dejqa, Valletta, u indikat ammont ta' €1,450.00 (*VAT* eskluż). Ir-rapport sar mill-Inġinier Jonathan Bonett, li skont Cuschieri, kien impjegat tiegħu. L-Inġinier Bonett kien ikkwalifikat bħala *fire safety engineer* u kien hu li kellem lill-Perit Matthew Bugeja biex jaraw x'kellu jsir. Ir-rapport kien datat 6 ta' Novembru 2017. Ix-xhud spjega li d-*drawings* kienu jindikaw l-isem tal-klijent bħala Patrick Dalli stante li fiż-żmien in kwistjoni, Dalli kien il-proprjetarju tal-fond. Iżda ġara li Dalli biegħ il-fond lil Mark Anthony Portelli pero d-*drawings* baqgħu bl-isem tas-sid l-antik.

Cuschieri qal li ġeneralment, id-ditta tiegħu kienet titlob lill-klijent imur iħallas qabel jibgħatu r-rapport, iżda peress li l-Inġinier Bonett u l-Perit Bugeja kienu ħbieb, ir-rapport intbagħat billi l-perit insista li dan kien urġenti billi kellu jkun *uploaded* fis-sistema tal-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien qasir. Cuschieri kompla jgħid li Mark Anthony Portelli qatt ma ħallas u li hu qatt ma ta raġuni għaliex ma ħallasx.

**L-Inġinier Jonathan Bonett** xehed li kien impjegat tad-ditta Camilleri and Cuschieri u qal li kien għamel aktar minn rapport wieħed dwar fond fi Triq id-Dejqa, Valletta. Huwa kkonferma li l-firma fuq ir-rapport kienet tiegħu u li r-rapport kien jikkonsisti fir-rapport innifsu u pjanti annessi miegħu. Qal li ma kellu ebda *feedback* fis-sens li kien hemm xi diffikultajiet.

**Maria Galea** xehdet li hija kienet segretarja fi ħdan Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers u li r-rapport relattiv intbagħat mill-*e-mail address* tagħha lill-Perit Matthew Bugeja.

**Louise Spiteri** xehdet li hija kienet *office administrator* fi ħdan Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers u li kienet tieħu ħsieb l-*accounts*. Xogħolha kien li tikkuntattja lill-klijent sabiex iħallas l-*invoice* relattiva iżda f'dan il-każ, ma sar ebda ħlas.

**Il-Perit Matthew Bugeja** xehed li fil-passat, kien jaħdem għal ċertu Mark Portelli. Kien hemm bżonn rapport ta' inġinier biex issir applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar u membru tal-istaff tal-attur bagħat ir-rapport. Ir-rapport kien dak li jinsab a fol. 28 u l-pjanti a fol. 35. Huwa kkonferma li l-*e-mail* a fol. 27 kien dak li permezz tiegħu rċieva r-rapport. Ikkonferma wkoll li kien hu li bagħat l-*e-mail* a fol. 42.

In kontro-eżami, Bugeja xehed li kien ilu bil-*warrant* ta' perit sa mill-2010 u Mark Portelli, li ma kienx iqabbdu għal kull proġett, kien ilu klijent tiegħu madwar ħames snin. B'referenza għad-dokument a fol. 35, fuq domanda tal-avukat tas-soċjetà konvenuta, Bugeja qal li l-pjanta kienet datata 2014 u kellha fuqha "*Patrick Dalli Strait Street guesthouse*". Mistoqsi allura jekk kinux ġew mibgħuta lilu pjanti li kienu ta' ħaddieħor, ix-xhud wieġeb li l-pjanti aktarx saru qabel u meta Portelli ħa l-lukanda f'idejh ried jagħmel xi emendi fl-applikazzjoni u għall-applikazzjoni tal-emendi kien hemm bżonn rapport tal-inġinier li huwa l-mertu ta' din il-kawża.

Bugeja reġa' qal li r-rapport kellu jsir minħabba li kienu saru xi emendi.

Sar il-kontro-eżami tal-**Inġinier Jonathan Bonett** li fih huwa qal li kien ilu ħamsa u ghoxrin sena jaħdem mad-ditta Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers u qal li l-inġinier Camilleri, li ismu qiegħed fl-isem tad-ditta, kien miet ħafna snin qabel. Qal li fl-2014 hu kien ħejja rapport u tah lill-Perit Christian Spiteri u għal dak is-servizz, assuma li d-ditta Camilleri and Cuschieri kienet tħallset iżda ma kienx jaf l-ammont.

Mistoqsi jekk ir-rapport mertu tal-kawża kienx kważi identiku għar-rapport li sar fl-2014, l-inġinier qal li d-ditta kellha rikjesta, il-perit bagħat il-pjanti u sar rapport abbażi tal-pjanti. Meta ġie muri rapport mill-avukat tas-soċjetà konvenuta, ix-xhud għaraf li l-firma kienet tiegħu u żied jgħid li r-rapport ma kienx komplut billi

ma kellux il-pjanti. L-avukat irreferih għall-pjanti mmarkati dokument "I" fil-proċess u l-inġinier qal li l-pjanti ma kinux iffirmati.

Mistoqsi mingħand min kien ħa l-istruzzjonijiet, ix-xhud wieġeb li kien hemm *e-mail* mingħand il-klijent li ġiet *forwarded* lilu mingħand l-attur.

Mistoqsi jekk kienx sempliċement qabad ir-rapport tal-2014 u għamilx xi emendi fuqu, ix-xhud qal li huwa jara l-pjanti li jirċievi mingħand il-perit il-ġdid, jivverifikahom sewwa, jara x'hemm bżonn li jsir u jagħmel ir-rapport. Qal li mhux il-każ li sempliċement jagħmel tibdiliet fuq l-antik. Kien possibbli li r-rapport jispiċċa simili għal dak preċedenti. Qal ukoll li wara kollox, huwa xorta waħda kellu jieħu r-responsabilità tar-rapport.

Meta ġew elenkati tlett bidliet lix-xhud, ix-xhud wieġeb li jekk kien kif kien qed jgħid l-avukat, ikun ifissier li d-ditta tkun fliet il-pjanti, ra x'kien hemm bżonn jinbidel u biddlu.

Mitlub jipparaguna r-rapport tal-2014 mar-rapport mertu ta' din il-kawża, ix-xhud wieġeb li għalihom dan kien proġett ġdid, klijent ġdid u responsabilità ġdida. Huwa kkonferma li saru l-bidliet relattivi. Qal ukoll l ma kellu ebda involviment fir-rigward tal-miżati.

Mistoqsi jekk rax id-dokument a fol. 26, ix-xhud qal li kien probabbli li rah iżda ma jiftakarx eżattament. Wara domanda, ix-xhud qal li r-rapport tal-*fire safety ventilation*, tan-*noise mitigation* u tal-*lighting* saru kollha fl-istess dokument.

F'seduta oħra, tkompla l-kontro-eżami. Hawn, ix-xhud ikkonferma li minn informazzjoni li ngħatatlu mill-uffiċċju, jidher li r-rapport tal-2014 tħallas.

Rigward il-pjanti, irriżulta li kienu saru numru ta' tibdiliet. Il-*basement* issa żdidulu żewġ kċejjen li fir-rapport oriġinali ma dehrux. Żdiedet kċina fuq il-bejt li ma kinitx hemm qabel. Kien hemm xi kmamar tas-sodda li nbidlu minn tnejn għal waħda u kien hemm kmamar li nbidlu u saru *linen rooms*. Ix-xhud esebixxa d-dokument "JB1" li kien jindika ż-żidiet bil-blu, affarijiet li tneħħew bil-lewn aħdar u bidliet bil-lewn aħmar. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm bidliet li affettwaw is-sustanza tar-rapport u li r-responsabilità tiegħu kienet li jara li r-rapport maħruġ kien relevanti għall-pjanti l-ġodda.

In ri-eżami, ix-xhud ikkonferma li l-proġett mibdi minn Dalli, il-klijent preċedenti, kien ta' sitt sulari, u li anki l-proġett tal-klijent il-ġdid, Portelli, kien ta' sitt sulari. Qal ukoll li ma qgħadx jipparaguna mar-rapport l-antik iżda ħadem skont il-pjanti attwali li kellu quddiemu. Qal li injora r-rapport l-antik u għamel wieħed qisu qiegħed isir mill-ġdid. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-responsabilità jassumiha fuq ir-rapport li jkun qiegħed jiffirma mhux fuq rapport antik.

Sar il-kontro-eżami tal-attur. L-attur qal li l-ewwel komunikazzjoni kienet mill-perit u kien ikkupjat il-konvenut. Dwar it-termini ta' referenza, l-attur xehed li l-perit kien talbu jagħmel rapport ta' *fire safety* fuq il-pjanti li kien bagħatlu mar-rikjesta. Kif tasal talba bħal dik, kien jipprintja l-pjanti, imur għand l-inġinier Jonathan Bonett li huwa espert fil-*fire safety* billi mhux kull inġinier jagħmel rapporti bħal dawk u Bonett għandu kwalifiki speċjalizzati, u jitolbu jara eżattament xi jkun ser jinvolvi r-rapport. Abbażi tal-*feedback* li jagħtih Bonett, l-attur joħroġ stima. F'dan il-każ, l-istima ntbagħtet lill-konvenut biex japprovaha qabel isir ir-rapport.

L-attur ikkonferma li d-dokument a fol. 26 kien il-proposta tad-ditta sabiex jinqeda l-klijent. Qal li hu ma kellux involviment dirett fil-kitba tar-rapport jew f'xi *review* tar-rapport u r-responsabilità tiegħu kienet li jara li l-istaff tiegħu jipproduċu dak mitlub mill-klijenti, jara li l-materjal jintbagħat fil-ħin u jara li l-*invoicing* isir ukoll.

L-attur hawn ippreċiża li l-inġinier Bonett ikun immarka xi *drawings* fir-rigward ta' dak li kellu jsir rigward *fire safety*. L-abbozzi tad-*drawings* ikunu saru mhux minn Bonett direttament iżda minn impjegati oħrajn taħt id-direzzjoni ta' Bonett..

Mistoqsi jekk kienx il-każ li d-ditta ġestita mill-attur qabdirx rapport antik u emendatu, ix-xhud wieġeb li dak ma kienx il-każ. Qal li billi rapport huwa simili ma jfissirx li kien hemm xi *template* li sempliċement tinbidel ftit skont il-każ. Qal li d-dettalji minn rapport għal ieħor huma kompletament differenti.

Mistoqsi dwar il-fatt li kellu jkun hemm rapporti dwar in-nirien, dwar il-ventilazzjoni, dwar l-istorbju u dwar id-dwal, ix-xhud wieġeb li dawn kienu miġbura f'rapport wieħed u fi kwalunkwe każ, kienu affarijiet li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet xorta titlobhom.

Mistoqsi jekk qatt infurmax lill-konvenut jew lill-perit tiegħu li kien ser ikun hemm rapport wieħed mhux tlieta, ix-xhud qal li l-perit kien jaf x'tip ta' rapporti kienu jsiru mid-ditta Camilleri and Cuschieri. Qal li meta bagħtu r-rapport lill-perit, dan ikkonfermah, ikkonferma li rċevih u lix-xhud ma waslitlu ebda komunikazzjoni li tgħid li dak mhux ir-rapport li kien hemm bżonn li jsir.

Xehed **Mark Anthony Portelli**, li qal li l-attur tqabbad minnu meta l-Perit Bugeja qal li kien ikun aħjar li jitqabbad l-inġinier li għamel ir-rapport oriġinali billi jkun jaf l-affarijiet. Bugeja kkuntattja lill-inġinier u għaddielu l-pjanti aġġornati li kienu ser jingħataw lill-Awtorità tal-Ippjanar. Portelli kkonferma l-istima a fol. 26. Portelli qal li wara li rċevew id-*drawings* aġġornati, il-perit qallu li dak ma kienx ix-xogħol li riedu. Speċifikament, Portelli qal li l-perit qallu li l-*fire report* ma kienx aġġornat skont id-*drawings* li kellhom. Portelli qal li huwa qabbad lil Fabio Stivala, inġinier ieħor, li lesta rapport fi ftit jiem. Qal li huwa ħallas lil Stivala.

Xehed **il-Perit Matthew Bugeja** li qal li Portelli kien iddeċieda li jqabbad lill-inġinier Fabio Stivala "*biex jagħmel ir-rapport hu wkoll*". Qal li r-rapport il-ġdid sar biex jiġu emendati klawsoli li kienu saru fl-ewwel rapport tal-inġinier Cuschieri. Mistoqsi x'kien l-involviment tiegħu fl-ingaġġ tal-inġinier Stivala, il-perit qal li hu għadda l-pjanti lil Stivala fuq ordnijiet ta' Portelli. Qal li Portelli pprova jagħmel rapport permezz tal-inġinier Stivala li jeskludi xi affarijiet li kienu mdaħħlin fir-rapport tal-inġinier Cuschieri. Qal li Portelli ma kienx kuntent bir-rapport tal-inġinier Cuschieri. Finalment, ix-xhud qal r-rapport tal-inġinier Stivala kien sottomess lill-Awtorità tal-Ippjanar iżda r-rapport tal-inġinier Cuschieri ma kienx sottomess. Mistoqsi għaliex kien dan, il-perit wieġeb "*Nimmaġina li għax wieħed kien iktar favorevoli għall-klijent għal dak li xtaq il-klijent*".

Xehed **l-inġinier Fabio Stivala** li qal li kellu sitta u għoxrin sena esperjenza fil-qasam u li kkomunika mal-Perit Bugeja biss bl-*e-mail*. Huwa tahom stima ta' tlett mitt Ewro minbarra l-*VAT*. Ix-xhud għaraf ir-rapport tiegħu a fol. 88 *et seq.* Qal li biex għamel ir-rapport, mexa fuq il-pjanti billi la l-perit u lanqas Mark Anthony Portelli ma bagħtulu ebda dokument ieħor sabiex jarah.

In kontro-eżami, Stivala qal li ma kienx jaf li qablu kien ġie ngaġġat inġinier ieħor. Qal li kieku kien jaf li kien hemm inġinier ieħor qablu ma kienx jidħol fil-biċċa tax-xogħol. Kien sorpriż li l-Perit Bugeja ma qallux li kien hemm inġinier ieħor ingaġġat. Qal li kien hemm diffikultajiet fis-sens li ma kinitx binja normali u kollox sar f'jumejn. Xi pjanti ndikaw ammont ta' sulari u pjanti oħrajn indikaw ammont differenti.

Sar il-kontro-eżami tax-xhud **Mark Anthony Portelli**. Huwa qal li d-*drawings* "*ma kinux updated ma kinux kif xtaqna aħna*". Ma kienx ċert eżattament min bagħat il-pjanti lill-inġinier Cuschieri. Qal li kien jaf li r-rapport tal-inġinier Cuschieri ma kienx kif xtaq il-Perit Bugeja jew kif talab il-Perit Bugeja. Portelli tenna li kien il-Perit Bugeja li qallu li r-rapport tal-inġinier Cuschieri ma kienx dak li riedu. Huwa qal li ma kienx jaf jekk ir-rapport tal-inġinier Cuschieri ġiex mgħoddi lill-inġinier Stivala. Qal ukoll li ma kienx qara r-rapport tal-inġinier Stivala u ma setax jagħraf ir-ritratti f'dak ir-rapport.

## <u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

It-Tribunal jirreferi għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u josserva li din ġiet sorvolata tramite x-xhieda tal-inġinier Jonathan Bonett, li xehed li l-inġinier Camilleri kien miet diversi snin qabel u għalhekk id-ditta kienet titmexxa biss minn Carmel Cuschieri.

Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob li jitħallas ta' rapport li huwa għamel għas-soċjetà konvenuta. Dan ir-rapport kellu jintuża bħala *supporting document* għal applikazzjoni li kellha tiġi ppreżentata lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-soċjetà konvenuta targumenta li l-attur naqas li jonora l-obbligi tiegħu u fi kwalunkwe każ, ma pprestax servizzi sodisfaċenti.

It-Tribunal sejjer jirreferi għax-xhieda ta' Mark Anthony Portelli, li huwa figura ewlenija fi ħdan is-soċjetà konvenuta, sabiex jara sewwa jekk dan sostniex l-eċċezzjoni relattiva. Essenzjalment, Portelli dejjem waħħal fil-Perit Bugeja. Portelli xehed li l-perit kien qallu li r-rapport li sar mid-ditta tal-attur ma kienx xogħol tajjeb. Il-ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' ħlas kienet biss li skont Portelli, ir-rapport tal-attur ma kienx skont dak li ntalab mill-Perit Bugeja.

Billi Portelli waħħal kollox fuq il-Perit Bugeja, huwa ferm utli li wieħed jara kif xehed dan il-perit. Bugeja pprovda verżjoni differenti. Huwa qal li kien Portelli li ddeċieda li jqabbad lill-inġinier Stivala u li hu kellu ordni sabiex jgħaddi l-pjanti relattivi lil Stivala. Il-Perit Bugeja qal ċar li kien Portelli li ma kienx kuntent bir-rapport imħejji mill-attur. Dan jikkontradixxi kompletament lil Portelli, li qal li kien il-Perit Bugeja li ma kienx kuntent bir-rapport. Il-Perit Bugeja żied jgħid li huwa kien qiegħed jimmaġina li r-rapport imħejji mill-inġinier Stivala kien aktar favorevoli għal dak li kellu f'moħħu Portelli.

It-Tribunal hawn jirreferi għax-xhieda tal-inġinier Stivala u josserva li dan darbtejn qal li ma kienx jaf għalfejn ġie mtella' sabiex jixhed. Stivala stqarr li kieku xi ħadd qallu li qabdlu kien tqabbad inġinier ieħor, huwa ma kienx jaċċetta l-inkarigu għal raġunijiet ta' etika li jiggvernaw il-professjoni tal-inġinerija.

It-Tribunal jinnota li għalkemm l-eċċezzjoni relattiva tallega li l-attur naqas li jonora l-obbligi tiegħu u li ma pprestax servizzi sodisfaċenti, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova li r-rapport imħejji mid-ditta tal-attur kellu xi difetti. Anzi, il-provi juru li kien Mark Anthony Portelli li ddeċieda li jiskarta dan ir-rapport billi mid-dehra, ma kienx idoqq għal widnejh. Meta Portelli pprova jwaħħal fil-Perit Bugeja billi jallega li kien il-perit li qal li r-rapport ma kienx dak li kellhom bżonn, il-Perit Bugeja xehed il-kuntrarju. Bugeja qal li kien Portelli li unilateralment iddeċieda li jqabbad lill-inġinier Stivala. Wara li Portelli qabbad lil Stivala, lanqas biss indenja ruħu jaqra r-rapport li ħejja Stivala.

It-Tribunal ma jsibx li Mark Anthony Portelli huwa xhud kredibbli. Dan għaliex għalkemm huwa qal (fol. 141) li huwa kien ingħata opinjoni professjonali mill-Perit Bugeja li r-rapport tal-attur ma kienx skont kif talab l-istess perit, il-Perit Bugeja ikkontradixxa dan.

Tant huwa ċar li s-soċjetà konvenuta ma rriskontrat ebda difett jew nuqqas fir-rapport imħejji mid-ditta tal-attur li lanqas biss tat dan ir-rapport lil xi inġinier ieħor sabiex dan jeżamina jekk ir-rapport kienx wieħed tal-kwalità normalment mistennija minn inġinier speċjalizzat fil-prevenzjoni tan-nirien. Barra minn hekk, l-attur stess xehed fil-kontro-eżami li meta r-rapport intbagħat lill-Perit Bugeja, dan il-perit qatt ma qallu li r-rapport ma kienx tajjeb. Anzi, ir-rapport ġie aċċettat.

L-argument tas-soċjetà konvenuta essenzjalment isir li hija qed tirrifjuta li tħallas lill-attur mhux għax dan għamel xogħol ħażin, iżda għax dak li qal fir-rapport ma kienx jogħġbu. Portelli lanqas biss ta raġuni konkreta għaliex ir-rapport ma kienx jogħġbu.

Is-soċjetà konvenuta ppruvat tattakka r-rapport imħejji mid-ditta tal-attur billi fost affarijiet oħrajn ippruvat targumenta li kien hemm xi *template* lest u l-attur kellu biss jagħmel xi ftit xogħol ħafif billi jbiddel it-*template* skont l-esiġenzi tal-każ. Huwa evidenti li dan mhux minnu. L-attur xehed ċar li għalkemm rapporti ta' din ix-xorta jistgħu jkunu simili fil-forma, wieħed xorta waħda kellu dejjem jimxi skont il-pjanti pprovduti mill-klijent. Huwa spjega li l-inġinier li jkun qiegħed jiffirma r-rapport ikun qiegħed jassumi responsabilità tremenda.

It-Tribunal huwa propens li jaqbel ma' din l-osservazzjoni tal-attur. Anki jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jikkonċedi li r-rapport il-ġdid tal-attur kien identiku għar-rapport li sar xi snin qabel, xorta waħda jibqa' l-fatt li bil-firma tiegħu, l-inġinier ikun qiegħed jagħmel tiegħu dak ir-rapport u jassumi

responsabilità. Anki jekk, wara li jeżamina dak kollu li għandu jeżamina, l-inġinier jikkonkludi li m'hemmx għalfejn isiru emendi, xorta waħda kellu jieħu ħafna xogħol biex jasal għal dik il-konklużjoni.

It-Tribunal josserva wkoll, għal skopijiet ta' kompletezza, li permezz ta' *e-mail* datat 2 ta' Novembru 2017 (fol. 25), Mark Anthony Portelli kkonferma l-istima tal-attur.

Jirriżulta għalhekk li t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jkunu milqugħa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' ix-xhieda u ra d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attur *in toto* u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elf u seba' mija u ħdax-il Ewro (€1,711.00) rappreżentanti drittijiet għal servizzi professjonali mogħtija lis-soċjetà konvenuta fuq inkarigu tagħha stess.

It-Tribunal jordna li l-imgħax għandu jiddekkorri mid-9 ta' Novembru 2017, data tal-fattura relattiva, sad-data tal-pagament effettiv, u dan b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi.

It-Tribuna jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**